MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Munxar

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 51

L-Erbgħa 20 ta' Lulju 2022

Il-Kunsill Lokali Il-Munxar iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 'Kunsill Lokali Il-Munxar, Triq Profs Ġużè' Aquilina, Il-Munxar, MXR 1012, Għawdex' nhar il-Erbgħa 20 ta' Lulju 2022 fil-5.00 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sur Damien Spiteri – Sindku
Is-Sinjura Carmela Parnis – Viċi-Sindku
Is-Sur Mark Busuttil – Kunsillier

ASSENTI B'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):

Is-Sur Joseph Cauchi – Kunsillier
Is-Sinjura Juliet Attard - Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sur Ryan Debrincat – Segretarju Eżekuttiv

KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR

## Minuti

Is-Sindku s-Sur Damien Spiteri ppresjeda l-laqgħa.

### 51.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

51.1.1 Is-Sindku informa lill-membri preżenti li l-Kunsillier is-Sur Joseph Cauchi u l-Kunsilliera Juliet Attard infurmaw lill-Kunsill li ser ikun indisposti. Il-membri tal-Kunsill aċċettaw l-apoloġija.

### 51.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

51.2.1 Billi l-minuti tal-laqgħa bin-numru 50 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

51.2.2 Is-Sindku talab għal xi korrezzjonijiet li seta' kien hemm għall-minuti. Ma kienx hemm korrezzjonijiet għall-minuti.

51.2.3 Is-Sindku talab għall-approvazzjoni tal-minuti. Dawk preżenti kienu favur u dawn il-minuti ġew approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

### 51.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

51.3.1 Is-Sindku, is-Sur Damien Spiteri għarraf lill-membri li saret komunikazzjoni ma' Transport Malta sabiex jiġi nkluż il-vjaġġ tal-karozza tal-linja tas-6.00 ta' filgħodu mix-Xlendi fl-iskeda tat-trasport pubbliku wara diversi talbiet mir-residenti. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan.

51.3.2 Is-Sindku informa lill-membri li wara li l-Kunsill ottjena l-permess mill-Awtorita' tal-Ambjent u r-Riżorsi (ERA), qed isir xogħol ta' żbir tal-bruk fi Triq San Xmun fix-Xlendi bil-għajnuna tal-ħaddiema fi ħdan il-Ministeru Għal Għawdex.

51.3.3 Is-Sindku għarraf lill-membri li qed isiru l-preparamenti biex isir xogħol ta' żbir u kura tas-siġar tal-palm fi Triq il-Madonna tal-Karmnu fix-Xlendi filwaqt li l-Kunsill qed jistenna wkoll konferma mill-Ministeru

KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR

Għal Għawdex sabiex jinżabar is-siġar tal-palm tat-triq arterjali, Triq ir-Rabat fix-Xlendi. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan.

51.3.4 Is-Sindku ppropona sabiex isir xogħol ta' manutenzjoni u tibdil tat-tabelli tat-traffiku madwar il-lokalita'. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan.

51.3.5 Is-Sindku għarraf lill-membri li wara parir li ngħata lill-Kunsill mis-Supretendent tal-Pulizija, il-Kunsill sejjaħ lil rappreżentanti tal-Awtorita' tal-Artijiet u tal-Awtorita' Maltija Għat-Turiżmu sabiex issir laqgħa flimkien magħhom dwar il-problema tal-imwejjed u s-siġġijiet tal-istabbilimenti kummerċjali fix-Xlendi.

51.3.6 Is-Sindku għarraf lill-membri li qed jiġi implimentat il-programm 'I Love Xlendi' flimkien mal-Ministeru Għal Għawdex.

51.3.7 Is-Sindku ppropona sabiex issir ħarġa soċjo-kulturali għar-residenti ġewwa Malta. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan u jinħareġ avviż lir-residenti bi programm biex issir din il-ħarġa.

51.3.8 Is-Sindku informa lill-membri li ġie avviċinat minn xi residenti sabiex il-Kunsill ihejji kors tal-bini tal-presepji. Kien hemm qbil mill-membri biex isir dan il-kors u jiġi nkluż fl-avviżi lir-residenti.

51.3.9 Is-Sindku ppropona sabiex tiġi nstallata mera tat-traffiku fi Triq Dun Spir Gauci fil-Munxar faċċata ta' entratura ta' blokk ta' garaxxijiet. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan.

51.3.10 Is-Sindku ressaq suġġeriment minn resident sabiex isiru sinjali tat-traffiku, *road markings*, biex ma jipparkjawx karozzi ma' ġenb garaxx fi Triq San Pawl fil-Munxar. Kien hemm qbil mill-membri sabiex jittieħed parir minn Transport Malta.

51.3.11 Is-Sindku għarraf lill-membri li l-problema tad-dawl dekorattiv fi Triq San Xmun fix-Xlendi ġiet solvuta.

## 51.4 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera;

51.4.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet mill-Kunsilliera.

KUNSILL LOKALI MUNXAR

## 51.5 Proġetti fil-Lokalita';

51.5.1 Is-Sindku informa lill-membri li x-xogħol fuq il-proġett tal-Pjazza tal-Knisja għaddej fl-aħħar fażijiet tiegħu. Il-Kunsill qed jistenna rapport mill-Perit tal-Kunsill biex issir talba lid-Direttur fi ħdan id-Dipartiment tal-Gvern Lokali għall-varjazzjonijiet u xogħlijiet addizzjonali biex dan il-proġett ikun jista' jitkompla u jiġi konkluż.

51.5.2 Dwar il-proġett ta' Triq L-Isqawi fil-Munxar taħt żewġ skemi b'ko-finanzjament mill-Unjoni Ewropeja, is-Sindku għarraf lill-membri li qed jitkompla l-bini tal-ħitan tas-sejjieħ wara li nstab ġebel adattat mill-kuntrattur. Kif jitlesta dan ix-xogħol ser jiġu nstallati l-i*street furniture* li jinkludu bankijiet, dwal dekorattiv*, bins* u *railings*. Rigward it-tieni attivita' marbuta mal-proġett ta' dan il-*belvedere*, il-Kunsill ġie mgħarraf li ma ġietx approvata l-proposta għall-posponiment tagħha minn Settembru 2022 għal April 2023. Kien hemm qbil mill-membri sabiex din id-deċiżjoni tiġi appellata u l-Kunsill jibqa jinsisti biex din l-attivita' tiġi posposta għal April 2023.

51.5.3 Is-Sindku, Damien Spiteri, għarraf lill-membri dwar li fir-rigward tal-proġett ta' restawr tat-torri tax-Xlendi kien hemm xi problemi dwar l-installazzjoni tal-istrutturi tal-ħadid li ser jintużaw bħala qafas għall-*information boards* u *railing* tat-taraġ li jagħti għas-sular ta' isfel u għalhekk ix-xogħol kellu jieqaf xi ftit. Is-Sindku informa lill-membri li l-aperturi tal-injam ser jiġu nstallati fil-jiem li ġejjin.

51.5.4 Is-Sindku għarraf lill-membri li fir-rigward tal-iskema maħruġa mid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali għall-*playingfields* fil-lokalitajiet, qed tiġi installata l-*playhouse*, kif ukoll ġiet aġġudikata s-sejħa għall-offerti għax-xogħlijiet relatati mas-sistema l-ġdida tad-dwal u ser tkun approvata aktar tard waqt din il-laqgħa. Is-Sindku informa lill-membri li l-Kunsill ser ikun qed iressaq talba għat-trasferiment tal-fondi sabiex jiġu utilizzati l-fondi allokati għas-*safety mats* li kienu saru taħt skema oħra, filwaqt li jiġu nklużi s-*safety railings* u r-restawr tal-*gazebo* fost oħrajn. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan.

51.5.5 Dwar il-proġett tar-restawr tas-sejjieħ f'diversi siti fil-lokalita', is-Sindku għarraf lill-membri li l-Awtorita' tal-Ambjent u r-Riżorsi approvat l-applikazzjoni għall-bini tal-ħitan tas-sejjieħ fl-inħawi tas-Sanap.

KUNSILL LOKALI L-MUNXAR

51.5.6 Is-Sindku informa lill-membri li ġie konkluż il-proġett WiFi4EU fejn il-Kunsill kien ingħata s-somma ta' €15,000 minn fondi Ewropej biex ikun hemm servizz ta' WIFI b'xejn f'postijiet pubbliċi, liema ġew amministrati mid-Dipartiment Għall-Gvern Lokali. Is-Sindku elenka l-postijiet li issa hemm servizz b'xejn ta' WIFI li jinkudu l-Pjazza tal-Knisja, Ġnien il-Professur Ġuże Aquilina, Ġnien Ragalna, Pjazzetta Ġebla tal-Poplu, quddiem il-binja tal-Kunsill Lokali, iċ-Ċentru Parrokkjali, Pjazza Anfori fix-Xlendi, il-boatyard tax-Xlendi u l-madwar, u, quddiem il-Mitħna Sotterranja fix-Xlendi.

## 51.6 Aġġudikazzjoni sejħa għall-offerti:

**MXR/04/2022 - *Tender For The Supply, Installation, Testing And Commissioning Of Electrical Services (Light Fixtures) At The Playing Field, Triq Profs. Guze Aquilina, Munxar, Gozo***

51.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-offerti miftuħa nhar l-24 ta' Ġunju 2022. Kien hemm żewġ offerti:
XT MALTA LTD - €10,029.44
Richard Cauchi - €11,197.75

51.6.2 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta r-rapport tal-bord tal-evalwazzjoni. Il-bord irrakkomanda li din l-offerta tingħata lill-orħos offerent XT MALTA LTD li kien konformi mar-rekwiżiti. Il-membri tal-Kunsill laqgħu r-rakkommandazzjoni tal-bord u r-rapport ġie approvat.

## 51.7 Korrispondenza, ilmenti / suġġerimenti u rapporti;

51.7.1 Kunsill Reġjonali Għawdex – Taħriġ fuq ERASMUS+ għall-ambaxxaturi Żgħażagħ Għawdxin. Il-Kunsill innota l-kontenut filwaqt li kien hemm qbil sabiex tinħareġ sejħa sabiex il-Kunsill jaħtar ambaxxatur ta' eta' ta' bejn is-sittax u t-tmintax-il sena mill-lokalita'.

51.7.2 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri li f'wieħed mill-uffiċċji tal-Kunsill jeħtieġ li jiġi nstallat airconditioner ġdid minħabba li kien hemm għadu l-ħsara li mhux vijabbli li tissewwa wara li ġie spezzjonat minn tekniku apposta. Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq kwotazzjoni għal wieħed ġdid li tammonta għal €575. Kien hemm qbil mill-membri biex isir dan l-akkwist.

KUNSILL LOKALI L-MUNXAR

51.7.3 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq għall-approvazzjoni tal-membri il-bilanċ tal-kont li kien għadu pendenti dwar ix-xogħol ta' qlugħ u tħawwil f'post ieħor tas-siġar tal-*ficus* li kien hemm fi Pjazza tal-Knisja fil-Munxar. Is-Segretarju Eżekuttiv spjega kif waħda mil-kundizzjonijiet tas-sejħa għall-offerti kienet tistipula sabiex il-kuntrattur jibqa jsaqqi dawn is-siġar għal sena sħiħa tlett darbiet fil-ġimgħa minn meta jiġu rilokati. Il-kuntrattur ma żammx ma din il-kundizzjoni u wara li ttieħed parir legali, ġie ssuġġerit sabiex ir-*retention monies* jingħataw *pro-rata* ta' kemm dam isaqqi dawn is-siġar. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan.

51.7.4 Il-Kunsill permezz tal-avukat, hejja kontro-protest ġudizzjarju fil-konfront tal-protest ġudizzjarju numru 13/2022 minn Felix u Micheline konjugi Cutajar. Dan il-konto-protest ġie ċċirkulat lill-membri preżenti u kien hemm qbil sabiex jiġi sottomess fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex).

51.7.5 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand id-direttorat tal-istrateġija u l-implimentazzjoni tal-*policy* fi ħdan id-Diviżjoni tal-Gvern Lokali li l-Kunsill ser jingħata s-somma ta' €5,076.54 wara li ġiet sottomess l-applikazzjoni għall-iskema ta' finianzjament – Skema għall-Attivitajiet Kulturali Annwali 2022. Il-Kunsill innota l-kontenut.

51.7.6 Ċirkulari Numru SPI/SCI/6/2022 – Fond ta' Manutenzjoni u Sostenn ta' Proġetti Infrastrutturali Maġġuri li ġew imwettqa mill-Gvern Ċentrali. Il-Kunsill innota l-kontenut u kien hemm qbil sabiex tiġi sottomessa din l-applikazzjoni.

51.7.7 Ċirkulari Numru SPI/SCI/07/2022 – Espressjoni ta' Interess: *World Cleanup The World Campaign* 2022. Il-Kunsill innota l-kontenut u kien hemm qbil sabiex tiġi sottomessa din l-applikazzjoni.

51.7.8 Ċirkulari Numru SPI/SCI/08/2022 – Espressjoni ta' Interess – Finanzjament Milied 2022. Il-Kunsill innota l-kontenut u kien hemm qbil sabiex tiġi sottomessa din l-applikazzjoni fejn il-Kunsill huwa dispost li jiffinanzja l-bilanċ tal-flus jiġifieri l-10% mas-somma mogħtija. L-baġit totali propost għall-finanzjament f'din l-applikazzjoni jammonta għal €40,600. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan.

KUNSILL LOKALI L-MUNXAR

51.7.9 Ministeru Għall-Ambjent, L-Enerġija u L-Intrapriża – *Confirmation of Installation of Charging Pillars in your locality*. Il-Kunsill innota l-kontenut.

51.7.10 Ċirkulari Nru AKL 2022/061 – Rimborż tal-ġbir ta' skart organiku. Il-Kunsill innota l-kontenut.

51.7.11 Ċirkulari Nru AKL 2022/062 – Invitation 8 July 2022 (MF) launch of the new part-time, evening course leading to B.A. (Hons.) in Adult Education, Training and Development. Il-Kunsill innota l-kontenut.

51.7.12 Ċirkulari Nru AKL 2022/063 – Żjara mill-President tal-Kunsill Ewropew 22/07/2022. Il-Kunsill innota l-kontenut.

51.7.13 Ċirkulari Nru AKL 2022/064 – Group Life Policy Membri Eletti. Il-Kunsill innota l-kontenut u kien hemm qbil sabiex issir din il-polza tal-assigurazzjoni.

51.7.14 Ċirkulari Nru AKL 2022/065 – DiGY Multiplier event by Aġenzija Żgħażagħ. Il-Kunsill innota l-kontenut.

51.7.15 Ċirkulari Nru AKL 2022/066 – AKL Summer Event 05/08/2022. Il-Kunsill innota l-kontenut.

51.7.16 Ċirkulari Nru AKL 2022/067 – SeedGreen Programme – request for promotion. Il-Kunsill innota l-kontenut.

51.7.17 Ċirkulari Nru AKL 2022/068 – Post Vakat – Uffiċjal Eżekuttiv AKL Skala 13. Il-Kunsill innota l-kontenut.

51.7.18 Ċirkulari Nru AKL 2022/069 – Malta Dementia Society – Attivitajiet fil-komunita'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

51.7.19 Ċirkulari Nru AKL 2022/070 – Ħruġ ta' Permessi mill-Kunsilli Lokali. Il-Kunsill innota l-kontenut.

51.7.20 Ċirkulari Nru AKL 2022/071 – Blue Heart Campaign – UN World Day Against Trafficking in Persons 30th July 2022. Il-Kunsill innota l-kontenut.

KUNSILL LOKALI L-MUNXAR

51.7.21 Ċirkulari Nru AKL 2022/072 – European Week of Regions and Cities – Brussels Oct 2022. Il-Kunsill innota l-kontenut.

51.7.22 Ċirkulari Nru AKL 2022/073 – Kors ta' taħriġ – Evalwazzjoni ta' Sejħiet Pubbliċi 17/09/2022. Il-Kunsill innota l-kontenut.

51.7.23 Ilment 33/2022
Persuna titlob sabiex jitranġa ħajt tas-sejjieħ tal-propjeta' tagħha fi triq li tagħti għal Għajn Tuta. Is-Sindku wieġeb li wara li saret spezzjoni fuq il-post, kien jidher ċar li l-ħsarat li ġarrab dan il-ħajt huwa minħabba siġar li hemm fil-propjeta' tal-persuna stess. Kien hemm qbil mill-membri li dan ix-xogħol għandu jsir mis-sid tal-propjeta'.

51.7.24 Ilment 34/2022
Resident jitlob sabiex terġa teħel tabella quddiem l-Istatwa ta' Sant'Indrija fix-Xlendi sabiex ma jitħallewx karrijiet tad-dgħajjes hemmhekk. Kien hemm qbil mill-membri.

51.7.25 Ilment 35/2022
Persuna anonima ċemplet tilmenta dwar l-aċċessibilta' tal-bankina fi Triq il-Kantra x-Xlendi minħabba l-imwejjed u s-siġġijiet ta' ristorant li jinsab f'dik it-triq. Wara diskussjoni bejn il-membri kien hemm qbil sabiex tintbagħat tfakkira lill-Awtorita' Maltija tat-Turiżmu u lill-Awtorita' tal-Artijiet fejn il-Kunsill kien talab sabiex issir laqgħa dwar dan is-suġġett.

51.7.26 Applikazzjonijiet għall-permess ta' divertiment okkażjonali:
8 ta' Lulju – Sanap Cliffs - filming
20 ta' Lulju – Sanap Cliffs – filming
29 ta' Lulju – Ġnien il-Professur Aquilina – BBQ u Tombla
7 t'Awwissu – Triq ir-Rabat, Xlendi – Ceramics Exhibition
13 t'Awwissu – Triq San Xmun, Xlendi – Xlendi Sunset Festival
19 t'Awwissu – Triq il-Madonna tal-Karmnu, Munxar – BBQ u Tombla
23 t'Awwissu – Xatt ix-Xlendi u Triq il-Madonna tal-Karmnu - filming
Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni sakemm jiġu rrispettati l-kundizzjonijiet tal-Kunsill u l-Pulizija ma jsibu l-ebda oġġezzjoni.

KUNSILL LOKALI L-MUNXAR

## 51.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda ta' Pagamenti;

51.8.1 Skeda ta' ħlasijiet bin-numru 51/2022-8 għall-perjodu bejn is-16 ta' Ġunju 2022 u l-20 ta' Lulju 2022 li tammonta għal €49,185.24 ġiet approvata u ffirmata. Il-Viċi Sindku Carmela Parnis kienet il-proponent filwaqt li l-Kunsillier Mark Busuttil is-sekondant.

## 51.9 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

51.9.1 Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fis-6.00 ta' filgħaxija u bi qbil unanimu ġiet aġġornata għall-Ħamis 25 t'Awwissu 2022 fil-5.00 ta' filgħaxija.

Konfermati illum, il-Ħamis 25 t'Awwissu 2022.

IFFIRMATA
Damien Spiteri
Sindku

IFFIRMATA
Ryan Debrincat
Segretarju Eżekuttiv

KUNSILL LOKALI L-MUNXAR